**4 ta' Frar, 1994**

**Imħallfin:-**

**S.T.O.Prof. Guseppe Mifsud Bonniċi LL.D. – President.**
**Onor Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor Noel V.Arrigo LL.D.**

Avv. Tonio Borg *noe*

*versus*

Agent Reġistratur tal-Qrati *et*

**Malleverija - Ritassa**

*L-art. 249 tal-Kap 12 jistabbilixxi bħala prinċipju ġenerali li ebda petizzjoni ta' l-appell ma tiġi riċevuta li ma tkunx ippreżentata flimkien ma' garanzija għall-ispejjeż tal-kawża.*

*L-istess Kodiċi jipprovdi inter alia dwar kif għandha tinġieb il-garanzija u kif għandha ssir l-opposizzjoni għaliha jekk tiġi attakkata bħala mhux tajba.*

*Minn eżami ta' dawn l-artikoli din il-Qorti hija tal-fehma li in materja ta' dan iffissar ta' garanzija u kontestazzjoni ta' l-istess, dan irid isir bil-proċedura ndikata fl-istess artikoli skond il-każ u dejjem quddiem il-qorti li quddiemha jkun pendenti l-każ, kemm jekk il-kawża tkun għadha ma tqegħdetx fuq il-lista u kemm jekk tkun.*

Il-Qorti:-

Rat is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti Ċivili Prim'Awla fil-31 ta' Ottubru, 1991, li ddeċidiet hekk:-

Rat l-att taċ-ċitazzjoni tal-5 ta' Frar, 1990, li bih l-attur nomine wara li ppremetta illi fil-kawża "Dottoressa Lucia Micallef Hawkes vs. John Cachia et" deċiża fid-19 ta' April, 1989, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, ai termini ta' l-artikolu 868 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, ordnat ir-revoka tal-mandat ta' impediment 392/83 maħruġ mill-konvenuti konjugi Cachia kontra l-attriċi a bażi ta' pretensjoni ta' LM100,000 u kopja tas-sentenza qed tiġi hawn annessa;

U wara li ppremetta illi l-konvenuti konjugi Cachia għoġobhom jappellaw mis-sentenza fuq indikata u għall-iskopijiet ta' kawtela għall-appell, il-konvenut Agent Reġistratur tal-Qrati, ifissa s-somma ta' LM900, biex ikopru l-ispejjeż legali ta' l-attriċi

appellata f'tali appell u li xi xhur wara, wara ħafna insistenza *da parti ta' l-istess konjugi* Cachia, *l-imsemmija somma ġiet* drastikament ridotta għal LM152;

U wara li ppremetta illi tali riduzzjoni saret kontra l-provvediment tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili; kemm fil-proċedura kif ukoll fis-sostanza, u tmur kontra dak li hemm ipprovvdut fit-Traffa E ta' l-Iskeda A għal tali Kodiċi u għalkemm interpellat sabiex iħassar tali revizjoni, il-konvenut Agent Reġistratur baqa' inadempjenti;

Talab l-istess attur nomine għaliex din il-Qorti m'għandhiex;

(1) Tħassar u tirrevoka r-revizjoni tal-konvenut Agent Reġistratur bħala li tmur kontra l-provvediment tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili għar-raġunijiet fuq indikati;

(2) Tiddikjara li s-somma li għandha tiġi ddepożitata bħala kawtela għall-ispejjeż legali ta' l-appell ta' l-attriċi hija dik ta' *LM900, kif stabbilit l-ewwel darba mill-konvenut Agent* Reġistratur tal-Qrati;

Bl-ispejjeż;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti Cachia li biha eċċepew illi l-azzjoni ezerċitata mill-attriċi ma teżistix. Tista' ssir ċitazzjoni fil-Prim'Awla biex timpunja tassazzjoni ta' drittijiet dovuti lill-Avukat u Prokuratur Legali, meta tispiċċa l-kawża, u mhux biex tikkontesta ammont li għandu jiġi depożitat bħala sempliċi kawtela għall-ispejjeż ta' l-appell u li jekk teżisti azzjoni simili, kellha ssir fil-Qorti ta' l-Appell għaliex tolqot inċident

tal-kawża fl-istadju ta' l-Appell, u għalhekk din il-Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni;

Eċċepew inoltre illi l-kawżali u domandi huma nebolużi għaliex ma jgħidux għaliex it-tassazzjoni ta' Lm152 hi żbaljata u għaliex it-tassazzjoni għandha tkun Lm900....;

*Omissis*

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ta' l-Agent Reġistratur tal-Qrati li biha eċċipixxa illi r-revizjoni ta' l-ewwel deċizjoni ta' l-ewwel deċiżjoni ta' l-eċċipjent saret in konformità mas-setgħa mogħtija lilu bil-liġi u li ladarba l-kawża in kwistjoni kellha inizju fuq pretenzjoni mera u "fantastika" ta' LM100,000 sussegwentement ridotta fuq ordni tal-Qorti għal LM30,000 bħala garanzija għad-danni pretiżi, u sussegwnetement ukoll dik l-istess ordni ġiet inoperativa minħabba r-revoka tal-madat in kwistjoni kkaġunata bl-inadempjenza tal-konjugi Cachia l-esponent, bir-raġun kollu, kellu jikkunsidra l-kawża bħala waħda sempliċement ibbażata fuq mera dikjarazzjoni; li fis-sostanza kif ukoll fil-proċedura r-revizzjoni fuq imsemmija saret in konformità ma' dak li hemm ipprovdut fit-tariffa E ta' l-Iskeda A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esibiti;

Rat il-verbal tat-8 ta' Marzu, 1991, li bih il-kawża ġiet iddifferita għas-sentenza fuq l-eċċezzjonijiet preliminari;

Ikkunsidrat:-

L-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti Cachia hi fis-

sens illi l-azzjoni eżerċitata mill-attriċi ma teżistix. Huma jissottomettu illi l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jipprospetta biss kontestazzjoni tat-tassazzjoni ta' drittijiet professjonali u tar-Reġistru magħmula mir-Reġistratur wara li tispiċċa l-kawża. Jikkontendu li ma hux possibbli li ssir kontestazzjoni ta' dawn id-drittijiet preventivament, in kwantu l-liġi dan ma tipprevedihx;

Din l-eċċezzjoni hi valida ċertament sal-punt li minn eżami akkurat tal-Kap. 12, bl-ebda mod ma jirriżulta li azzjoni bħal dik ittentata mill-attur *nomine* li tpoġġi fid-dubbju l-operat tar-Reġistratur fil-kors tal-proċedura ġudizzjarja, ma hi espliċitament kontemplata. La direttament u lanqas permezz ta' analoġija jew interpretazzjoni ma' istituti oħra. *Ir-Reġistratur hu l-ogħla* uffiċjal amministrattiv tal-Qrati, innominat mill-Prim' Ministru;

L-artikolu 57(1) *tal-Kap. 12 jiddisponi li r-Reġistratur* għandu jkollu l-funzjonijiet, poteri u doveri vestiti fih fil-provvvediment ta' dak il-Kodiċi u jkollu taħt id-direzzjoni u responsabilità tiegħu r-Reġistratur tal-Qrati u l-uffiċjali li jagħmlu minnu. Fost dawn **il-funzjonijiet** ir-Reġistratur għandu l-poter u d-dover illi jintaxxa u jiddetermina l-ispejjeż ġudizzjarji (Artikolu 64). L-ispejjeż ġudizzjarji għandhom jiġu ntaxxati u kkalkolati mir-Reġistratur;

Dan l-artikolu jistabbilixxi wkoll il-proċedura kif tista' tiġi ikkontestata entro xahar minn mindu issir mir-Reġistratur, kemm mill-persuna li tordna t-taxxa, kif ukoll mill-persuna debitriċi tat-taxxa, u dan minn mindu jiġi nnotifikat biha *permezz ta' ittra uffiċjali. Dan l-artikolu kif redatt jippresupponi* illi l-kawża jew proċedura ġudizzjarji oħra li jagħtu lok għall-ispejjeż ġudizzjarji li jiġu ntaxxati f'taxxa ġew definittivament

konkjużi;

It-taxxa hi titolu eżekuttiv fil-konfront tad-debitur u hu ċar illi r-Reġistratur ma huwiex tentut u fil-fatt ma għandux dritt joħroġ taxxa uffiċċjali jekk mhux qabel ma jkun ġie determinat min hi l-persuna li obbligata tagħmel tajjeb għal dawk l-ispejjeż. Hu veru li, fl-intaxxar tal-kawżi, ir-Reġistratur hu obbligat li jsegwi u jottempera ruħu mat-tariffa li tiddetermina dawn l-ispejjeż u drittijiet ġudizzjarji, imma hu ċar ukoll li hu jeżerċita f'dan il-kontest, funzjoni kważi ġudizzjarja u f'dan is-sens id-deċiżjoni tiegħu tista' biss tiġi kkontestata kif ipprovvdut fl-istess Kodiċi bil-proċedura tar-ritassa. Proċedura li jirriżulta b'mod ċar li hi limitata u ristretta għall-kontestazzjoni ta' taxxi għal spejjeż ġudizzjarji emessi taħt dan l-artikolu;

Mill-banda l-oħra l-Kap. 12 jistabbilixxi li l-ebda petizzjoni ta' l-appell ma għandha tiġi aċċettata meta tiġi ppreżentata għand l-Attwarju jekk ma tkunx akkumpanjata minn garanzija għall-ispejjeż ta' l-appell, a tenur ta' l-artikolu 249 tal-Kap. 12. Din il-garanzija hija parti integrali mill-proċeduri ta' l-appell, u hi maħsuba biex tikkawtela d-dritt tar-reġistru u ta' l-avukat ta' l-appellat. L-ammont ta' din il-garanzija għandha bil-liġi, tiġi determinata mir-Reġistratur tal-Qrati;

Hu ovvju illi tali ammont irid jiġi bbażat fl-ewwel lok fuq id-domandi attriċi fiċ-ċitazzjoni, kif ukoll fuq is-sentenza ta' l-ewwel istanza, il-valur fiha kkanonizzat u l-petizzjoni ta' l-appell infisha. Dana għaliex il-kawtela hi maħsuba bħala garanzija għall-ispejjeż ta' l-appell biss u mhux tal-proċeduri quddiem l-ewwel Qorti. L-ammont tal-kawtela għalhekk f'ċertu sens hu flessibbli u mhux neċessarjament marbut mal-mertu tal-kawża kif oriġinarjament intavolata. Ir-reġistratur għandhu ċerta

latitudni u anke f'ċertu sens, diskrezzjoni fl-operat tiegħu u ma jidher li hemm xejn x'josta li hu jbiddel l-ammont ta' garanzija li jkun diġa' ddetermina jekk jidhirlhu li ċ-ċirkostanzi hekk jimmeritaw, bħal per eżempju jekk jirrealizza li għamel żball, jew jekk l-appellant jirriduċi t-talba tiegħu, kif fil-fatt jidher li għamel fil-każ in eżami għax deherlu li l-appellat u r-Reġistru jkunu *adegwatament* ikkawtelati b'ammont inferjuri għal dak li inizjalment kien iddetermina;

Mil-banda l-oħra l-operat tar-Reġistratur għandu jkun b'xi mod sindakabbli mill-Qorti, jekk il-partijiet fil-kawża jew xi *waħda minnhom jikkontendu li ġew ippreġudikati bl-eżerċizzju* tad-diskrezzjoni li għandu u li tagħtih il-liġi. Dan dejjem kien l-atteġġjament pożittiv tal-Qrati. Issir riferenza għall-kawża deċiża mill-Qorti ta' l-Appell, fl-ismijiet "Giuseppe Darmanin vs. Edgar Staines nomine", deċiża fl-24 ta' Jannar, 1936 (Vol. XXIX. P.I. pg. 431), fejn intqal li "Il-Qorti tista' tordna lir-Reġistratur jikkoreġi l-likwidazzjoni li jkun ġa għamel ta' l-ammont meħtieġ biex jiġi ddepożitat bħala kawtela għall-ispejjeż ta' l-appell, **anki meta d-depożitu jkun ġa sar**, avolja ma jkunx hemm il-kunsens ta' l-interessati kollha biex issir din il-korrezzjoni.";

Minn dan joħroġ ukoll *li l-Qorti tista' a fortiori, tagħmel* dan meta, kif hu dan il-każ, ikun għadu ma sarx id-depożitu ta' l-ammont fl-ewwel lok iddeterminat mir-Reġistratur. Joħroġ ukoll id-dritt tar-Reġistratur li jvarja u jikkoreġi l-kalkolu ta' l-ammont tad-depożitu u wkoll id-dritt tal-partijiet interessati li jikkontestaw id-deċiżjoni tiegħu mis-sentenza;

Fil-kawża fl-*ismijiet* "Flora Barra vs. Luiġi Barra", deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fid-19 ta' Novembru, 1923. Ġie hemm

ritenut illi, "*Questa corte col decreto del 15 Ottobre, 1923, aveva prefisso all'attriċi sei giorni di tempo per fare il deposito in cautela delle spese, e se bene, finche' non era stato fatto il deposito,* ***il registratore poteva correggere qualsiasi errore da lui incorso nel calcolo della somma da essere depositata, e salvo u qualunque delle parti di impuniare nei modi stabbiliti della legge qualsiasisi fatta correzzione...***";

Interessanti hi ċ-ċitazzjoni fil-kawża "Darmanin vs. Staines" fuq iċċitata, in kwantu l-premessi u t-talbiet huma sostanzjalment l-istess bħal dawk odjerni, anke jekk mhux fl-istess diċitura. L-attur jippremetti li "Is-somma likwidata mhix skond il-liġi kawtela tajba u suffiċjenti għal dawk l-ispejjeż", li "dina l-insuffiċjenza hija dovuta għal żball tal-konvenut Staines nomine (allura r-Reġistratur)". Talab li "l-Qorti **tordna** u **tikkundanna** lir-Reġistratur li jerġa' jillikwida u jiffissa skond il-liġi" l-ammont tal-kawtela. Ma jidhirx li għandu jkun hemm dubbju allura li t-talba attriċi hi sostenibbli bħala azzjoni u kif ġie wkoll ritenut "Il-liġi ma tirrikjedix (f'dawn il-każi), kliem partikolari; biżżejjed ikun jiftiehem x'ikun l-attur jitlob". L-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti Cachia, qiegħda għalhekk tiġi miċħuda;

Qed tiġi għall-kuntrarju milqugħa t-tieni eċċezzjoni ta' l-istess konvenuti, illi l-azzjoni kellha ssir – kif tista' ssir – quddiem il-Qorti ta' l-Appell direttament, in kwantu, kif diġa' ġie fuq indikat, id-determinazzjoni tal-kawtela mir-Reġistratur tifforma parti integrali u indispensabbli mill-proċeduri quddiem dik il-Qorti. Hi biss dik il-Qorti li tista' tiddelibera dwar il-kawtela meħtieġa, jekk saritx jew le, jekk hiex suffiċjenti jew le u jekk bħala konsegwenza tan-nuqqas tagħha hemm lok għad-deżerzjoni tal-proċeduri fl-istadju ta' l-appell. Konsegwentement

kull proċedura li hi konnessa ma', u anċillari għal, din il-malleverija għandha titqies li taqa' taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qorti ta' l-Appell li quddiemha tkun ġiet intavolata l-petizzjoni. Hu lil dik il-Qorti li l-attur kellu jadixxi biex jiġu kkawtelati d-drittijiet *li jippretendi li ġew ippreġudikati waqt il-proċeduri quddiemha;*

Mhux korrett l-attur meta jikkontndi li huwa kien qed jattakka l-operat tar-Reġistratur u li l-Qorti ta' l-Appell ma kellha x'taqsam xejn ma' dan l-inċident. Ir-Reġistratur ma joperax "in vacuo". Kif fuq ingħad, hu l-għola uffiċjal anki tal-Qorti ta' l-Appell, u dak li ddetrmina hu, iddeterminah bħala parti intergrali mill-proċeduri pendenti quddem dik il-Qorti. Din il-Qorti għalhekk issib li ma għandhiex ġurisdizzjoni li tinvesti l-azzjoni ttentata mill-attur;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi l-kawża billi:-

(1) tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti Cachia, li l-azzjoni kif ittentata mhix sostenibbli; u;

(2) tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti Cachia u tiddikjara li m'għandhiex ġurisdizzjoni biex tikkonsidra t-talbiet attriċi kif dedotti u konsegwentement tastjeni milli tieħu konjizzjoni tagħhom;

L-ispejjeż fiċ-ċirkostnazi wkoll ikkonsidrata n-novità tal-materja deċiża, jibqgħu bla taxxa bejn il-kontendenti.";

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur nomine u l-petizzjoni ta' l-appell tiegħu li permezz tagħha talab li din il-Qorti jogħġobha *tirriforma s-sentenza ta' l-ewwel Onorabbli Qorti billi* tikkonfermaha in kwantu ċaħdet l-eċċezzjoni ta' l-ineżistenza ta'

l-azzjoni attriċi, u tħassarha in kwantu ddikjarat li m'għandhiex ġurisdizzjoni tisma' l-kawża u b'hekk filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenuti konjugi Cachia tirremetti l-kawża lill-ewwel Onorabbli Qorti għal deċiżjoni dwar il-meritu, jew tiddeċidi hija l-meritu ukoll skond il-każ u b'hekk tilqa' t-talbiet kollha attriċi bl-ispejjeż kontra l-konvenuti;

Rat ir-risposta ta' l-appell ta' l-Agent Reġistratur tal-Qrati li biha ssottometta li huwa joqgħod għar-raġunijiet ta' l-ewwel Onorabbli Qorti li laqgħet l-eċċezzjoni tal-konvenut l-ieħor Cachia fis-sens li l-azzjoni odjerna ma tistax issir quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u li fi kwalunkwe każ m'għandux abati ebda spejjeż;

Rat ir-risposta ta' l-appell ta' John Cachia proprio et nomine u Margaret Cachia li filwaqt li rreġistraw l-opposizzjoni tagħhom għall-appell ta' l-attur ipprevalew ruħhom mill-appell prinċipali biex jinterponu appell inċidentali li permezz tiegħu talbu li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevoka l-istess fejn ċaħdet l-eċċezzjoni li l-azzjoni attriċi ma teżistix u tiddikjara minflok li l-ewwel onorabbli Qorti ma kellhiex ġurisdizzjoni tiddeċidi dik l-eċezzjoni u tirrevoka wkoll fejn ordnat lill-istess konvenuti jħallsu parti mill-ispejjeż u tordna li l-ispejjeż kollha ta' prim'istanza jitħallsu mill-attriċi;

Rat ir-risposta ta' l-appell ta' l-attur nomine għall-appell inċidentali ta' l-appellati John Cachia propio et nomine u Margaret Cachia li permezz tagħha ssottomettew li l-appell inċidentali ma josservax il-froma rikjesta mil-liġi u għalhekk huwa irritu u null u li fil-meritu dik il-parti tas-sentenza appellata li affermat l-eżistenza ta' l-azzjoni odjerna hija ġusta u timmerita konferma għaliex il-Qorti għandha dritt li teżamina u tinvestiga

d-diskrezzjoni ta' uffiċċjal pubbliku u l-ewwel Onorabbli Qorti ma għamlet l-ebda żball li ddeċidiet kemm dik il-kwistjoni kif ukoll il-kwistjoni ta' l-inkompetenza o meno tal-Qorti, u dana għaliex a) il-Qorti għandha diskrezzjoni li tiddeċidi fuq kull talba jew eċċezzjoni tal-kawża u b) għaliex iż-żewġ materji huma marbutin flimkien;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet it-tratazzjoni;

Ikkonsidrat;

Ser jiġi l-ewwel kkonsidrat l-appell prinċipali;

L-appellant jissottometti li l-ewwel Onorabli Qorti għamlet sewwa li ddikjarat li ma jistax ikun li l-azzjoni tar-Reġistratur tal-Qorti ma hix sindikabbli, kif kienu qed isostnu l-konvenuti Cachia. Una volta l-azzjoni teżisti, allura din hija azzjoni li tissindika l-azzjoni u diskrezzjoni ta' uffiċjal pubbliku u f'dan il-każ il-kawtela f'kawża qed tiġi appellata. B'daqshekk ma jfissirx li ma tistax issir azzjoni fil-Prim'Awla, għax wara kollox kull azzjoni fejn tiġi kkontestata d-diskrezzjoni ta' uffiċjali governattivi dejjem saret fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li għandha ġurisdizzjoni li tisma' kull azzjoni li ma hijiex speċifikament mogħtija lil xi Qorti oħra. Inoltre kieku setgħet issir biss ċitazzjoni fil-Qorti ta' l-Appell ikun qed jintilef il-benefiċċju tad-doppju eżami;

Ikkonsidrat:

Illi l-artikolu 249 tal-Kodiċi ta' Orginażżazzjoni u Proċedura

Ċivili (Kap 12) jistabbilixxi bħala prinċipju ġenerali li ebda petizzjoni ta' appell ma tiġi riċevuta li ma tkunx ippreżentata flimkien ma' garanzija għall-ispejjeż tal-kawża. Barra milli fl-istess arikolu u fl-artikolu sussegwenti (250), il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12) jittratta fuq id-diversi tipi ta' garanzija fit-Titolu VIII tat-Tielet Ktieb liema Titolu jipprovdi inter alia dwar dif għandha tinġieb il-garanzija u kif għandha issir l-opposizzjoni għaliha jekk tiġi attakata bħala mhux tajba;

L-artikolu 896 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12) jiddisponi li l-garanzija għall-ispejjeż tal-kawża, fejn meħtieġa tista' tiġi rrifjutata, sew mir-Reġistratur kemm ukoll mill-parti kuntrarja. Bl-artikolu sussegwenti, imbagħad, ir-rifjut, tal-garanzija għall-ispejjeż jista' jsir mill-parti kuntrarja fit-tweġiba, jew fil-każ tal-garanzija msemmija fl-artikolu 249, fl-ewwel att li jiġi ppreżentat mill- appellat. Dan ir-rifjut tal-garanzija jista' jsir ukoll bi protest, basta li, għal dawk li huma kawżi fi grad ta' appell il-protest jiġi ppreżentat fiż-żmien stabblit għat-tweġiba għall-petizzjoni ta' l-appell. L-artikoli 900, 901 902 ta' l-istess Kodiċi, imbgħad ikomplu jagħtu iktar dettalji tal-proċedura li għandha tiġi segwita meta jkun hemm rifjut għall-garanzija għall-ispejjeż;

Minn eżami ta' dawn l-artikoli din il-Qorti hija tal-fehma li in materja ta' iffissar ta' garanzija u kontestazzjoni ta' l-istess, dan irid isir bil-proċedura indikata fl-istess artikoli skond il-każ u dejjem quddiem il-qorti li quddiemha jkun pendenti l-każ, kemm jekk il-kawża tkun għandha ma tqegħditx fuq il-lista u kemm jekk tkun;

Biex l-azzjoni attriċi quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

setgħet tirnexxi, din kellha tkun verament azzjoni ta' ritassa kontra taxxa tad-drittijiet u spejjeż maħruġa mir-*Reġistratur* li f'dan il-każ ma jidhirx li saret u jekk saret, ma tirriżultax mill-atti. Mentri ċ-ċitazzjoni preżenti tattakka l-operat tar-Reġistratur li qed jiffissa l-garanzija meħtieġa għall-iskopijiet tal-malleverija għall-ispejjeż ta' l-appell, li mhux neċessarjament tkun tirrifletti preċiż dak li jirriżulta mit-taxxa tad-drittijiet u l-ispejjeż tkun sindakkabbli mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili;

Barra minn dan, hemm aspett ieħor li hu importanti fl-eżerċizzju li qed isir għas-soluzzjoni ta' dan il-każ u ċjoè li għalkemm l-appellanti imposta l-azzjoni tiegħu bħallikieku hawn si tratta ta' kawża ta' ritassa, effettivament fil-każ preżenti ma jidħlux kwistjonijiet ta' ritassa iżda sempliċiment ta' kontestazzjoni ta' garanzija ffissata mir-Reġistratur għall-fini ta' l-appell imsemmi. L-operat tar-Reġistratur, infatti, ma jistax jiġi deskritt bħala wieħed ta' *intaxxar* ta' l-ispejjeż ġudizzjarji ta' kawża iżda biss ta' fissazzjoni tal-malleverija meħtieġa biex jimxi 'l quddiem l-appell. Iż-żewġ proċessi, infatti huma distinti minn xulxin. Infatti jista' jagħti l-każ, u spiss jiġri, li l-appell ikun limitat fuq parti biss mis-sentenza u għalhekk ma jiġix ikkalkulat fuq l-ispejjeż ġudizzjarji li jkunu applikabbli għall-każ deċiż fil-prim'istanza. Għalhekk ir-Reġistratur li biex jasal għall-kwantum tal-malleverija jista' u ħafna drabi jkollu jirreferi għall-ispejjeż inkorsi fil-prim'istanza mhux neċessaejament, *hu* marbut bihom bħala bażi. Fi kwalunkwe każ, ċertament, ma jistax jingħad li meta jiffissa l-kawtela ta' l-appell huwa jkun qed joħroġ taxxa fis-sens konċepit fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12). F'din il-malleverija, il-Qorti tal-Prim' Istanza m'għandha x'taqsam xejn u l-materja hija eskulsivament ta' ġurisdizzjoni tal-Qorti li fiha tiġi kkontestata l-kawtela li jikun ifissa r-Reġistratur. Għalhekk l-appell prinċipali ser jiġi respint;

Ikkonsidrat fuq l-appell inċidentali:

Fl-ewwel lok l-attur qed jissottometti li l-appell inċidentali mhux regolari proċeduralment għallkemm ma spjegax għaliex. Fi kwalunkwe każ, din il-Qorti tara li l-istess appell inċidentali huwa proċeduralment ippreżentat korrettement u għalhekk l-eċċezzjoni msemmija ssollevata mill-attur qed tiġi respinta bl-ispejjeż relattivi kontra tiegħu;

Kwantu għall-appell inċidentali proprja, il-kovenuti Cachia qed jissottomettu illi l-ewwel Qorti invertiet l-ordni ta' l-affarijiet. Infatti, kellha l-ewwel tiddeċiedi l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' ġurisdizzjoni u, darba li din ġiet akkolta, kellha tastjeni ruħha milli tieħu konjizzjoni ta' l-azzjoni attriċi;

Illi dan ir-raġunament, però, mhux korrett għaliex il-kwistjoni jekk l-azzjoni teżistix fil-liġi jew le tiġi qabel il-kwistjoni ma teżistix jispiċċa kollox hemm u jkun kontrosens wieħed jitkellem fuq l-eżerċizzju biex tiġi stabbilita l-ġurisdizzjoni f'azzjoni li ma teżistix. Id-dritt ta' azzjoni, infatti jipprexxindi minn kull konsiderazzjoni oħra konnessa jew inċidentali għall-istess azzjoni. Għalhekk anki l-appell inċidentali ser jiġi respint;

Għal dawn il-motivi filwaqt li tiċħad kemm l-appell prinċipali kif ukoll dak inċidentali, tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjeż relattivi għall-appell prinċipali jkunu a kariku ta' l-attur appellant mentri dawk ta' l-appell inċidentali jkunu a kariku tal-konvenuti Cachia.